



Brussell, 21 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15950/17
ADD 6

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0353 (COD)

ENT 276
MI 987
CONSOM 410
COMPET 895
UD 309
CHIMIE 110
COMER 132
CODEC 2130
IA 225

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 467 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Valutazzjoni tal-li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni tal- prodotti u l-infurzar tagħha u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 305/2011, (UE) Nru 528/2012, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426 u (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi 2004/42/KE, 2009/48/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2013/53/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE, 2014/68/UE u 2014/90/UE tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 467 final.

Mehmuż: SWD(2017) 467 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2017
SWD(2017) 467 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Valutazzjoni tal-li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti u l-infurzar tagħha u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 305/2011, (UE) Nru 528/2012, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426 u (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi 2004/42/KE, 2009/48/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2013/53/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE, 2014/68/UE u 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{COM(2017) 795 final} - {SWD(2017) 466 final} - {SWD(2017) 468 final} -
{SWD(2017) 469 final} - {SWD(2017) 470 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-konformità mal-Leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-Armonizzazzjoni tal-Prodotti u l-infurzar tagħha
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
Il-valur tal-prodotti soġġetti għar-regoli armonizzati tal-UE jammonta għal aktar minn 2 400 biljun euro fis-sena u jirrappreżenta 69% tal-valur kumplessiv tal-prodotti mmanifatturati fl-UE. L-eżistenza ta' prodotti mhux konformi tesponi liċ-ċittadini għal prodotti potenzjalment perikolużi, tixħet riskju fuq l-ambjent u tfixx il-kompetizzjoni. Il-kawżi prinċipali huma għarfien limitat tar-regoli, deterrenza batuta, u ineffiċjenzi kbar fis-sistemi ta' infurzar. Il-problema hi mistennija tikber minħabba l-bejgħ online u l-importazzjonijiet dejjem akbar minn pajjiżi terzi.
X'mistenni li jinkiseb b'din l-inizjattiva?
Din l-inizjattiva għandha l-għan li tnaqqas in-numru ta' prodotti mhux konformi fis-Suq Uniku, billi (1) Issaħħaħ il-proċeduri ta' kooperazzjoni (2) Iżżid il-kapaċità ta' infurzar operazzjonali, ittejjeb l-effiċjenza u d-disponibilità tar-riżorsi; (3) Issaħħaħ is-sett ta' għodod għall-infurzar; (4) Tippromwovi l-konformità u l-aċċessibilità tal-informazzjoni dwar il-konformità.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
L-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni hu r-responsabbiltà tal-Istati Membri li huma ristretti minn limitazzjonijiet ġudizzjarji. Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet hi neċessarja biex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-UE u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità b'mod effiċjenti.
B. Soluzzjonijiet
Liema huma l-alternattivi leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi li ġew ikkunsidrati? Teżisti xi għażla ppreferuta, jew le? Għaliex?
L-għażliet meqjusa huma: (1) Linja bażi; (2) Titjib tal-għodod u tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti; (3) barra minn hekk, żieda fl-effett ta' deterrenza għall-għodod ta' infurzar u koordinazzjoni msaħħa tal-UE u (4) infurzar ċentralizzat supplimentari ulterjuri fil-livell tal-UE f'ċerti każijiet. L-għażla ppreferuta tinkludi mekkaniżmu għall-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet, Netwerk tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti li jikkoordina, jgħin fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet konġunti ta' infurzar u jagħmel evalwazzjoni bejn il-pari tal-prestazzjoni tal-Istati Membri, b'setgħat komuni għall-awtoritajiet, pubblikazzjoni aktar sistematika tal-miżuri restrittivi, irkupru tal-kostijiet ta' kontroll fil-każ ta' prodotti mhux konformi u obbligu li l-manifatturi jaħtru persuna responsabbli għall-informazzjoni dwar il-konformità fl-UE u rwol estiż ta' konsulenza tal-Punti ta' Kuntatt tal-Prodotti, pubblikazzjoni diġitali tal-informazzjoni dwar il-konformità u portal fuq il-web għal miżuri volontarji.
Min jappoġġa liema għażla?
Il-partijiet ikkonċernati jaqblu fuq il-ħtieġa għal koordinazzjoni ferm aktar b'saħħitha, fuq użu akbar u effiċjenti tar-riżorsi u fuq għodod aktar effettivi għat-titjib tal-qafas ta' infurzar għall-kontrolli fi ħdan is-Suq Uniku u għall-importazzjonijiet fl-UE.
Ċ. L-impatti tal-għażla preferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?
L-inizjattiva tkun tirriżulta f'infurzar aktar effettiv kontra prodotti mhux konformi fi ħdan is-Suq Uniku u kontroll aktar effiċjenti tal-importazzjonijiet. L-utenti tal-prodotti jkunu protetti aħjar minn riskji mhux mixtieqa għall-ambjent, għas-saħħa pubblika u okkupazzjonali u għas-sikurezza. In-negozji jkunu jibbenefikaw minn assistenza fil-konformità, minn kondizzjonijiet aktar ekwivalenti ta' kompetizzjoni u minn kompetizzjoni inġusta mnaqqsa.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?
Ċerti operaturi ekonomiċi jistgħu jaffaċċjaw aġġustamenti biex jipprovdu l-informazzjoni dwar il-konformità b'mod diġitali jew jaħtru persuna responsabbli fl-UE. Il-kostijiet għall-baġit tal-Kummissjoni/tal-UE jkunu relatati b'mod partikolari mat-twaqqif ta' Netwerk tal-UE għall-Konformità tal-Prodotti (€18-il miljun fis-sena). L-ebda impatt negattiv ambjentali jew soċjali ma hu antiċipat.
Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
Il-proposta se tgħin lin-negozji, inklużi l-SMEs, biex inaqqsu l-effetti negattivi minn kompetizzjoni inġusta jew minn inkonsistenzi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-Istati Membri jkollhom jaġġustaw għal proċeduri ġodda, iżda ser ikunu qed jiffrankaw ukoll il-kostijiet bis-saħħa ta' proċeduri ta' kooperazzjoni ssimplifikati.
Ser ikun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?
Fl-irfinar tas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-miżuri ta' infurzar, ser ikollu jiġi żgurat ir-rispett dovut għad-drittijiet fundamentali u għall-prinċipji tal-legalità u tal-proporzjonalità.
D. Segwitu
Meta se tiġi riveduta l-politika?
Minbarra l-monitoraġġ regolari, hi mistennija ssir evalwazzjoni tal-funzjonament tal-qafas leġislattiv il-ġdid madwar 5 snin wara l-implimentazzjoni.